MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1075/1993/1

**Catherine mart Toni Scicluna; Angela mart Rosario Busuttil; Sapienza mart Charles Tanti; u Giuseppa mart Anthony Cassar u b'digriet tal-20 ta' April 1999 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Carmelo u Vincent Cassar stante l-mewt ta' Giuseppa Cassar; l-imsemmija Toni Scicluna, Rosario Busuttil, Charles Tanti u Anthony Cassar ghall kull interess li jista' jkollhom**

**Vs**

**Vincent Seychell, Michael Seychell, Giuseppe Seychell u Salvatore Seychell**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fl-10 ta' Settembru 1993, l-atturi ppremettew u talbu:-

*Peress illi Antonio Seychell miet fid-19 ta' Ottubru 1991, armel u b'testment atti Nutar Dottor Hubert Cassar tal-15 ta' Ottubru 1991;*

*Peress illi l-imsemmi Antonio Seychell kien mizzewweg darbtejn, l-ewwel mara tieghu Vincenca nee' Grixti li mietet circa 48 sena ilu u t-tieni mara Giuseppa nee' Grixti li mietet fil-11 ta' Dicembru 1988;*

*Peress illi l-imsemmi Antonio Seychell halla superstiti tlett itfal mill-ewwel zwieg li huma Michael, Giuseppa mart Toni Cassar u Salvatore u hamest itfal mit-tieni zwieg li huma Vincent, Catherine mart Toni Scicluna, Angela mart Rosario Busuttil, Joseph u Sapienza mart Charles Tanti;*

*Peress illi l-assi tal-imsemmi Antonio Seychell esistenti mal-mewt tieghu gew maghmula fl-interezza taghhom fit-tieni zwieg b'daqstant illi nofs l-istess assi formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti gia' esistenti bejn l-imsemmi Antonio Seychell u Giuseppa nee' Grixti iddevolew favur l-imsemmija hames ulied mit-tieni zwieg li ex lege wirtu lill-ommhom li mietet intestata;*

*Peress illi l-mewt ta' Antonio Seychell l-assi kienu jikkonsistu f'ammont ta' baqar li l-konsistenza taghhom trid tigi determinate, f'raba urazzett tal-baqar numru 2 Narrow Street iz-Zejtun, depositu bankarju fl-ammont ta' Lm300 karozzi konsistenti f'zewg vans tal-marka Peugeot u Ford Transit u f'xi ghamara mhux esklus konsistenzi ohra li jistghu jirrisultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Peress illi l-attur ghal dak li jirrigwarda l-wirt ta' missierhom ghazlu li ma joqghodux ghat-testment u minflok jippercepixxu l-legittima lilhom spettanti skond il-ligi;*

*Peress illi l-assi ereditarji jinsabu fil-pussess tal-konvenut Joseph Seychell li qieghed jadoperhom fl-interess esklussiv tieghu u nonostantel i msejjah biex jillikwida s-sehem spettanti lill-atturi mill-wirt tal-genituri taghhom baqa' inadempjenti filli l-proposti tieghu ma gewx accettati.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-imsemmija konjugi Seychell billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'dawk il-beni li jirrisultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. M'ghandhomx jigu l-istess akkwisti hekk likwidati maqsuma f'zewg porzjonijiet u assenjati wahda lill-assi partikolari ta' Antonio Seychell u l-ohra lill-assi partikolari ta' Giuseppa nee' Grixti;*

*3. M'ghandux jigi l-istess assi partikolari ta' Giuseppa nee' Grixti, hekk likwidat, maqsuma f'hames porzjonijiet ugwali u assenjati porzjon kull wiehed lill-ulieda u cioe' Vincent, Catherine mart Toni Scicluna, Angela mart Rosario Busuttil, Joseph u Sapienza mart Charles Tanti;*

*4. M'ghandux jigi likwidat favur l-atturi s-sehem taghhom tal-legittima mill-assi ta' missierhom Antonio Seychell u hekk assenjat porzjoni kull wiehed lill-atturi u jigi assenjat ukoll sehem li jmiss lil kull wiehed mill-konvenuti mill-assi tal-wirt ta' Antonio Seychell;*

*5. M'ghandux jigi nominat Nutar biex jippubblika l-atti opportune fil-gurnata, hin u lok li jigu indikati fis-sentenza bl-intervent ta' kuraturi li ghandhom jigu nominati biex jihdru ghall-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru ippresentati kontestwalment kontra l-konvenuti ngunti biex jidhru s-subizzjoni.*

Il-konvenjuti Joseph, Vincent u Saviour ahwa Seychell wiegbu li:-

*1. Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni odjerna peress illi l-atturi m'ottemporawx ruhhom mal-ligi, u m'enumerawx il-paragrafi tad-dikjarazzjoni kif jitlob l-artiklu 156(3) tal-Kodici tal-Procedura;*

*2. Illi c-citazzjoni odjerna hija nulla u bla effett peress illi qeghedha tigi pprezentata bil-ksur tal-artiklu 40 tal-Kap. 239 tal-ligijiet ta' Malta, kif salvat ghall-kaz in disamina, minkejja l-abbrogazzjoni tal-istess kap., permezz tal-artiklu 3 tal-Att 16 tal-1993, peress illi la giet pprezentata d-denunzja tal-assi tal-mejjet u lanqas ma giet mhallsa t-taxxa tas-successjoni fuq l-istess assi;*

*3. Illi l-atturi ma jistghux jagixxu biex jitolbu l-legittima qabel ma jiehdu l-passi legali biex jkunu verament irrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom Anthony Seychell, u qabel ma juru li m'ghamlu xejn li jfisser accettazzjoni tal-wirt;*

*4. Illi l-konvenuti m'humiex u qatt ma opponew il-wsim tal-wirt kemm tal-mejjet Anthony Seyhcell kif ukoll ta' martu Guzeppa nee' Grixti, tant illi saru trattattivi bonarji f'dan is-sens;*

*5. Illi mhux minnu li l-assi kollha msemmija mill-atturi kienu jiffurmaw parti mil-wirt ta' Anthony Seyhcell jew ta' martu Giuzeppa nee' Grixti;*

*6. Illi l-konvenuti dejjem kienu disposti li jaslu fi ftehim bonarju ma' huthom u kienu t-talbiet ezorbitanti taghhom li honqu kull possibilta' ta' ftehim u ghaldaqstant huma m'ghandhomx jbghatu spejjez;*

Il-konvenut Michael Seychell wiegeb:-

*1. Illi t-talba tal-atturi ghal-legittima ma tistax treggi ghaliex safejn jaf l-eccipjent l-atturi ghadhom ma rrinunzjawx ghall-wirt ta' missierhom u fi kwalunkwe kaz biex tali rinunzja tkun valida huma jridu jippruvaw li sa issa ma ghamlu ebda att ta' eredi fid-*

*rigward tal-istess wirt;*

*2. Illi bla pregudizzju l-eccipjent ma jopponix ruhu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt ta' missieru salv il-verifika tal-konsistenza tal-assi tieghu u l-verifika tal-kwota lilu spettanti;*

*3. Illi inoltre' r-raba' talba kontenuta fic-citazzjoni ghandha tigi korretta billi jizdied l-assenjazzjoni lil kull wiehed mill-konvenuti tal-porzjon spettanti lil kull wiehed minnhom mill-assi ta' missierhom;*

*4. Illi stante' l-eccipjent mhuwiex eredi ta' Giuseppa nee' Grixti, huwa m'ghandu ibghati xi spejjez ghar-rigward tat-tielet talba.*

Il-qorti rat l-atti.

Jirrizulta li Antonio Seychell kien mizzewweg darbtejn:

i. **L-ewwel zwieg ma' Vincenza xebba Grixti** – kellhom tlett itfal Michael, Giuseppa Cassar u Salvatore.
ii. **It-tieni zwieg ma' Giuseppa xebba Grixti** – kellhom hamest itfal Vincent, Catherine Scicluna, Angela Busuttil, Joseph u Sapienza Tanti.

**Eccezzjonijiet preliminari**:-

A. **Nullita tac-citazzjoni** (fol. 9).

Din l-eccezzjoni hi fiergha. In-nuqqas ta' numri fil-paragrafi li hemm fil-premessi tac-citazzjoni ma kenitx ta' pregudizzju ghad-difiza tal-konvenuti.

B. **Citazzjoni giet prezentata bi ksur tal-Artikolu 40 tal-Kap. 230** (fol. 9).

Eccezzjoni li llum il-gurnata m'ghandha l-ebda sahha. Giuseppa u Antonio Seychell ilhom mejtin iktar minn ghoxrin sena.

C. **L-atturi ma rrinunzjaw ghall-wirt ta' Antonio Seychell** (fol. 9 u fol. 27).

Antonio Seychell miet fid-19 ta' Ottubru 1991 u fil-15 ta' Ottubru 1991 ghamel testment fl-atti tan-nutar Dr Hubert Cassar. F'dak it-testment id-decujus innomina lill-kontendenti bhala werrieta tieghu:-

*"Is-seba' Artikolu.*

*Salv dak li ntqal izjed 'il fuq it-testatur jinnomina u jistitwixxi bhala eredi universali u padruni assoluti tal-beni tieghu kollha, prezenti u futuri, mobbli u immobbli, lit-tmien uliedu fuq imsemmija ndaqs bejniethom, bid-dritt tal-akkrexximent u bis-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom"* (fol. 6).

Giuseppa Seychell mietet fil-11 ta' Dicembru 1988 (fol. 386).

Fir-rigward tal-wirt ta' Antonio Seychell, l-atturi qeghdin jitolbu l-legittima (ara raba' talba tac-citazzjoni)[1]. Id-diffikulta' f'dan il-kaz hi l-atturi ma tawx prova li rrinunzjaw ghall-wirt ta' Hubert Spiteri. Qabel l-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att XV tas-sena 2012, ir-rinunzja ta' wirt setghet issir biss permezz ta' dikjarazzjoni prezentata fir-registru tal-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja (Artikolu 860(2) tal-Kodici Civili). Illum tista' ssir ukoll permezz ta' dikjarazzjoni maghmula f'att notarili. Min jirrinunzja ghall-wirt jitqies li qatt ma kien werriet (Artikolu 862(1) tal-Kodici Civili). Hu stabbilit li min ikun gie nominat werriet b'testment ma jistax jitlob il-legittima minflok il-wirt qabel ma jirrinunzja ghall-eredita' (per ezempju ara sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **M. Azzopardi proprio et nomine vs A. Mangion et**, deciza fil-25 ta' Novembru 1946 [Vol. XXXII.i.423). L-argument tal-atturi li: *"…. Kieku l-atturi rrinunzjaw ghas-successjoni ta' missierhom huma ma kienux ikunu f'posizzjoni li jitolbu l-legittima… Fil-fatt huwa proprju ghax ma rrinunzjawx ghas-successjoni ta' missierhom li huma qeghdin f'posizzjoni legali li jistghu jitolbu l-legittima mill-wirt ta' missierhom"*[2], m'huwiex legalment korrett. Hu dritt li l-ligi taghti lil dawk il-familjari tad-decujus li jissemmew fil-provvedimenti li jirregolaw il-legittima[3]. Min jinghata l-legittima m'huwiex werriet. Hu ghalhekk essenzjali li min hu werriet, *ab intestato* jew b'testment, jirrinunzja ghall-wirt qabel jipproponi l-proceduri ghal-legittima. Gialadarba l-atturi ma rrinunzjawx ghall-wirt ta' missierhom skond il-procedura kontemplata mil-ligi, t-talba taghhom ghal-legittima hi ntempestiva.

**<u>Meritu</u>**.

Fit-2 ta' Gunju 1997 l-atturi pprezentaw nota fejn iddikjaraw x'inhu l-gid ta' Anthony Seychell u Giuseppa xebba Grixti (fol. 33):

1. Razzett fi Triq il-Qadi, Zejtun. L-atturi jsostnu li dan il-fond kien inxtara permezz ta' kuntratt, li qatt ma gie pprezentat. Lanqas ma pprezentaw *site plan* li tidentifika fejn jinsab ir-razzett pero pprezentaw stima tal-perit Piju Busuttil (fol. 32)[4]. Il-konvenut Joseph Seychell qal li dan ir-razzett hu l-istess

[1] F'nota li pprezentat l-attrici Catherine Scicluna fl-24.9.2009 (fol. 428) qalet: *"….. l-esponenti tissottometti illi l-legittima hija sagrosanta u ma tistax tigi negata lill-esponenti. Illi l-argument tal-konvenuti kien forsi jregi kieku l-esponenti nghatat oggetti mill-eredi u accettathom, izda billi ma rceviet xejn mill-wirt ma tistax tigi lilha negata l-legittima"*.
[2] Nota ta' sottomissjonijiet tas-17 ta' Marzu 2009.
[3] Illum porzjon rizervata.
[4] L-atturi pprezentaw stima ta' estate agent ta' razzett fi Triq il-Falkunier, Zejtun. L-istima hi ta' €700,000. Il-qorti tifhem li din l-istima tirrelata ghar-razzett fi Triq il-Qadi peress li fil-verbal tal-8 ta' Lulju 2008 jinghad: *"L-atturi talbu li jinghataw access ghall-proprjeta immobbli sabiex ikunu jistghu jaghmlu stima ex parte. Il-konvenuti jopponu ghal din it-talba billi ga hemm stima fil-process ghalkemm ilha li saret xi snin u ghalhekk huma tal-fehma li mhux mehtiega stima ohra"*. Mill-atti hu

wiehed ta' Valley Road u li kien inibdel l-isem tat-triq (fol. 373-374). Pero' l-konvenuti qatt ma pprezentaw dokumenti ufficjali f'dan is-sens. Ghalhekk il-qorti ma tistax taccetta din il-verzjoni minkejja li fid-denunzji ta' Antonio u Giuseppa Secyhell jissemma biss razzett wiehed, dak ta' Valley Road, Zejtun. Mad-denunzji tal-genituri hemm mehmuz certifikat tal-perit Ronald Muscat Azzopardi bla data, u *siteplan* fejn hemm immarkat is-sit. Hu evidenti li c-certifikat qieghed jirreferi ghal razzett u mhux kif erronjament dikjarat il-fond numru 2, Triq Dejqa, Zejtun. Fih jinghad li l-proprjeta' fiha kejl ta' cirka tlett itmiem u erba' sighan. Kejl li m'ghandux x'jaqsam mal-kejl ta' 5,620 metri kwadri. Minn dan ukoll jidher li l-proprjeta li jissemmew fic-certifika tal-perit Piju Busuttil u tal-perit Ronald Muscat Azzopardi, huma differenti.

2. Razzett Valley Road, Zejtun. Skond l-atturi fuq dan ir-razzett hemm permess li wiehed jista' jipproduci l-halib u fir-rigward ta' liema qatt ma thallset kera. Jidher li l-atturi qeghdin isostnu li dan l-immobbli sar proprjeta' tal-konjugi Seychell permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva trigenerarja. Anthony Scicluna, ir-ragel tal-attrici Catherine Scicluna, xehed: *"**Naf li mhux tieghu**, kont nismaghhom li dan ir-razzett inbiegh lil xi hadd Ingliz, ……, pero' dejjem kien okkupat ghal dawn l-ahhar tletin sena mill-kunjatu, 'il fuq minn tletin sena"*. Dan il-fond jissemma fit-testment ta' Antonio Secyhell fejn halla parti minnu b'legat lill-ibnu Joseph Seychell (Tielet Artikolu). Mela hu evidenti li d-decujus kien jikkunsidrah li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu. Dan il-fond gie ddikjarat fid-denunzja ta' Antonio u Giuseppa Seychell. Denunzja li saret mill-konvenut Joseph Seychell (ara fol. 387-396). Pero' l-qorti ma tifhimx kif dan il-fond jista' jigi nkluz fil-patrimonju ta' Antonio u Giuseppa Seychell, meta Anthony Scicluna li hu r-ragel tal-attrici Catherine Scicluna ddikjara: ***"Naf li mhux tieghu"***. Dan apparti li din il-qorti ma tistax tiddikjara li l-fond jifforma parti mill-wirt meta t-terza persuna (maghrufa bhala l-Ingliza) m'hijiex parti minn dawn il-proceduri. Ghalhekk kwalsiasi drittijiet tal-partijiet jibqghu mpregudikati.
3. Permess ta' kwota ta' 766kg (164 gallun).
4. Dar fi Triq Taltas, Zejtun. Irrizulta li Antonio Seychell kien fit-13 ta' Ottubru 1981 ittrasferixxa lill-konvenut Vincent Seychell nofs indiviz tal-fond 3 u 4, Triq Taltas, Zejtun (Dok. VS1 a fol. 310). Imbaghad l-istess Vincent Seychell kien fit-13 ta' Frar 1986 akkwsita minghand Emanuel Seychell nofs indiviz iehor tal-istess fond (Dok. VS2 a fol. 312).
5. Hlas li rcieva minghand il-Gvern ghall-moghoz li kienu nqatlu (Lm1,300).
6. Deheb.
7. Maghlef ghall-baqar.
8. Lm8,000 (€18,635) li kienu d-dar.

---

evidenti li l-istima li konvenuti kienu qeghdin jirreferu ghaliha hi tal-perit Piju Busuttil gialadarba m'hemmx stima ohra. Imbaghad fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2008 il-konvenuti ddikjaraw li *"…joqghodu fuq l-istima li pprezentaw l-atturi fis-seduta ta' qabel"*.

9. Bejgh mill-kwota tal-halib ta' 327.6 kg.

Wara li l-qorti rat l-atti tikkonkludi li l-assi huma:-

i. Razzett fi Triq il-Qadi, Zejtun[5];
ii. Deheb b'piz ta' 191 grammi (fol. 341). L-atturi ma kkontestawx li hemm dik il-kwantita ta' deheb;
iii. Kwota ta' 766kgs. Jirrizulta li f'Lulju 1991 Antonio Seychell kien ittrasferixxa din il-kwota lill-ibnu Joseph Seychell. Fil-mori tal-proceduri din il-kwota giet trasferita lil terzi. Kwota li kienet originarjament tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Antonio u Giuseppa Seychell. Skond in-nota li pprezentaw l-atturi, kwota ta' 766 kgs tfisser (ekwivalenti ghal 164 gallun). Fil-mori tal-proceduri Joseph Secyhell biegh din il-kwota bil-prezz ta' Lm164,600 (€383,415)[6]. Nofs din il-kwota kienet tappartjeni l-wirt ta' Giuseppa Seychell, u ghalhekk kien hemm bzonn il-kunsens tal-werrieta taghha sabiex seta' jsir it-trasferiment lil Joseph Seychell. Jidher li t-trasferiment sar bi qbil bejn il-kontendenti (ara per ezempju skritturi privati a fol. 361 u 365 fejn l-oggett hu 63 gallun kuljum u erbatax-il baqra).
iv. Kwota ta' 328kgs (ekwivalenti ghal 70 gallun). Jirrizulta li fil-15 ta' Frar 1990 Antonio Seychell ittrasferixxa kwota ta' 30 gallun lil certu Anglu Mifsud (fol. 120) u fis-16 ta' Frar 1990 ittrasferixxa kwota ta' 40 gallun lil certu Carmelo Vella (fol. 121). M'hemmx prova kemm thallas ta' dawn il-kwoti. Il-presunzjoni hi li din il-kwota wkoll kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Seychell. M'hemmx prova li l-werrieta ta' Giovanna Seychell intalbu jaghtu l-kunsens sabiex isir dan it-trasferiment. Ghalhekk il-wirt taghha ghandu kreditu fl-ammont ta' Lm17,500 (€40,764) fil-konfront tal-wirt ta' Antonio Seychell[7].
v. Ghal dak li jirrigwarda bhejjem, fit-testment ta' Antonio Seychell hemm dikjarat li ghandu 35 baqra u hallihom b'legat lill-konvenut Joseph Seychell (Tielet Artikolu). Skond id-denunzja ta' Antonio Seychell, li saret mill-konvenut Joseph Seychell, il-valur ta' dawn il-baqar kien ta' Lm21,000 (Lm600 ghal kull ras[8]). Qal ukoll li l-oggetti li halla lill-ibnu Joseph *"…. ma humiex proprjeta esklussiva tieghu peress illi jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u l-mejta martu Giujseppa Seychell"*. Dr Mauro Buttigieg, ufficjal fid-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji, xehed li fis-6 ta' Marzu 1991 Antonio Seychell kellu 35 baqra u 37 erha (fol. 80). Xehed ukoll li *"[…..] fil-15/10/88 kien sar control check minn membri tad-*

---

[5] Ara per ezempju deposizzjoni ta' Angela Busuttil (seduta 26.10.2001), fol. 195-205.
[6] Ara rapport tal-perit gudizzjarju Paul Giglio (prezentat fid-29 ta' Dicembru 2011).
[7] L-atturi ddikjaraw li Antonio Seychell thallas Lm35,000 (€81,528) ghal dawn iz-zewg kwoti (ara lista a fol. 33).
[8] Skond ma ddikjara Joseph Seychell fid-denunzja ta' Antonio Seychell.

*dipartiment u f'dan il-control kien hemm sitta u sittin (66) baqra u sbatax-il (17) erha"* (fol 77). Din hi d-data l-iktar vicin qabel mietet Giuseppa Seychell[9]. Irizulta wkoll li fit-30 ta' April 1990 ir-razzett gie *"[....] depopulated, igifieri l-annimali li kien ghad fuqhom kienu maqtulin"* (fol. 80). Ix-xhud kompla jispjega li fit-22 ta' Ottubru 1990 il-Gvern ta lil Antonio Seychell 37 baqra u kumpens ta' Lm1,916.31 ghal bhejjem li kienu nqatlu minhabba mard. Nofs il-kumpens jappartjeni lill-werrieta ta' Giuseppa Seychell li ghandhom kreditu kontra l-wirt ta' Antonio Seychell. Qal ukoll li l-Gvern kien ghad fadallu jaghti 21 baqra ohra[10]. Ghaldaqstant il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq 56 baqra u qeghda tillikwida valur ta' Lm33,600 (€78,267).

vi. Lm8,000 li kien hemm fid-dar fid-data tal-mewt ta' Antonio Seychell. Ghalkemm il-konvenut Joseph Seychell xehed li kull ma kien hemm kienet is-somma ta' Lm1,000 li ntuzat biex jithallsu l-ispejjez tal-funeral, il-qorti taqbel mar-ragunament tal-atturi. Hu fatt maghruf li mhu xejn facli li tinghata prova li meta miet Antonio Seychell, kellu s-somma ta' Lm8,000. Madankollu t-testment sar tlett ijiem qabel miet u fit-Tieni Artikolu qal: *"B'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewtu t-testatur ihalli lill-uliedu bniet, cioe'* ***Josephine mart Anthony Cassar****,* ***Catherine mart Anthony Scicluna****,* ***Angela mart Rosario Busuttil*** *u* ***Sapienza mart Charles Tanti****, s-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) kull wahda minnhom, bis-sostituzzjoni ta' wliedhom"*. Indikazzjoni li d-decujus kellu din is-somma flus gialadarba ma tressqux provi li fid-data tal-mewt kellu kontijiet bankarji li fihom kien hemm flus depozitati.

vii. Fid-data tal-mewt l-attur kellu maghlef ghal baqar. L-atturi qalu li l-maghlef kellu valur ta' Lm4,000 (€9,317). Joseph Seychell xehed li kien hemm b'madwar Lm2,000 (€4,659). Il-qorti ser tillikwida s-somma ta' Lm3,000 (€6,988) meqjus li m'hemmx provi cara kemm kien il-valur tal-maghlef. Il-qorti qeghda tifhem li dan intuza minn Joseph Seychell. Ghalhekk il-wirt ta' Antonio Seychell ghandu kreditu kontra Joseph Seychell fl-ammont ta' €6,988.

Ghaldaqstant il-komunjoni tal-akkwisti ta' Antonio u Giuseppa Seychell kienet tikkonsisti fl-oggetti li jissemmw f'paragrafi (i) sa (v). Meqjus dak kollu li nghad hawn fuq, il-gid ta' Giuseppa Seychell u Antonio Seychell li jifforma parti mill-wirt taghhom, jikkonsisti fis-segwenti:

---

[9] Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi ghamlu riferenza ghal iktar bhejjem li kien hemm fir-razzett (ara paragrafu 14), pero' dak kien fit-22 ta' Mejju 1988. Data li m'hijex l-iktar wahda vicina d-data tal-mewt ta' Giuseppa Seychell.

[10] Fit-testment (Hames Artikolu) id-decujus qal li kien ghad fadallu jircievi minghand il-Gvern 22 baqra. Dawn hallihom b'legat lill-uliedu Salvatore u Vincent ahwa Seychell. It-testatur iddikjara wkoll li *"…. l-oggetti li qieghed ihalli b'dan il-legat ma humiex proprjeta esklussiva tieghu peress illi jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnu l-mejta martu Giuseppa Seychell"* (fol. 5).

**Giuseppa Seychell**.

i. nofs indiviz tar-razzett fi Triq il-Qadi, Zejtun;
ii. nofs indiviz tad-deheb b'piz ta' 191 grammi;
iii. nofs il-kwota ta' 1094 kg halib. Fir-rigward ta' 382kg (70 gallun) il-wirt taghha ghandu kreditu kontra l-wirt ta' Antonio Seychell fl-ammont ta' €40,764. Fir-rigward tal-kumplament tal-kwota, cjoe' 163 gallun, hemm €165,519.50 li huma depozitati fil-kont tal-Bank of Valletta plc numru 40017033224 flimkien mal-imghax li akkumula matul is-snin[11];
iv. nofs il-kumpens ta' Lm1,916.31(€4,464), dan is-sehem €2,232. Kreditu li l-wirt ghandu fil-konfront tal-wirt ta' Antonio Seychell;
v. nofs indiviz 56 baqra[12], is-sehem ghandu valur ta' €39,133[13], b'dan li minn din is-somma ghandha titnaqqas 14-il baqra li effettivament inbieghu fil-mori tal-proceduri bi qbil ta' kulhadd (14 x Lm300[€699]) =€,9786/2 = €4,892. Total ta' **€34,241[14]**. Kreditu li l-werrieta taghha ghandhom fil-konfront ta' Joseph Seychell li mill-provi l-qorti fehemet li kien ha l-baqar.

**Antonio Seychell**.

i. nofs indiviz tar-razzett fi Triq il-Qadi, Zejtun;
ii. nofs indiviz tad-deheb b'piz ta' 191 grammi;
iii. nofs indiviz ta' 35 baqra, dan is-sehem b'valur ta' €24,458[15];
iv. nofs indiviz ta' 21 baqra, dan is-sehem b'valur ta' €14,675[16];
v. €18,635, flus li kien hemm id-dar fid-data tal-mewt ta' Antonio Seychell;
vi. €6,988 valur ta' maghlef li kellu Antonio Seychell fid-data tal-mewt u li l-qorti kkonkludiet li ttiehed minn Joseph Seychell. Ghalhekk il-wirt ghandu kreditu kontra Joseph Seychell ghal din is-somma;

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**.

Fil-gid ta' Antonio Seychell ma giex inkluz in-nofs indiviz tal-kwota tal-halib peress li kien hu li ttrasferihom lil terzi. M'hemmx provi dwar x'sar mill-flus fir-rigward

---

[11] Dwar dan ara wkoll dak li nghad f'dik il-parti tas-sentenza ntestata ***'Konsiderazzjonijiet Ulterjuri'***.
[12] Irrizulta li fid-data tal-mewt ta' Antonio Seychell kien hemm 35 baqra, u kreditu ta' 21 ohra bhala kumpens li kellu jinghata mill-Gvern ghall-bhejjem li kellhom jinqatlu minhabba mard.
[13] Kalkoli sar fuq Lm600 (€1,397.62) ghal kull ras. Dan hu l-prezz li l-konvenut Joseph Seychell iddikjara fid-denunzja ta' Antonio Seychell.
[14] Ara wkoll hawn taht fejn il-qorti ser taghmel osservazzjonijiet dwar bejgh tal-kwota tal-halib fil-mori tal-kawza.
[15] In vista ta' dak li ddikjara Antonio Seychell fit-testment, il-qorti qeghda tifhem li ttrasferixxa l-eriehen lill-ibnu Joseph Seychell f'Lulju 1991 gialadarba ma jissemmewx fit-testment.
[16] Ghalkemm fit-testment issemmew 22 baqra, mid-deposizzjoni ta' Dr Mauro Buttigieg irrizulta li l-Gvern effettivament ta' 21 baqra.

tat-trasferiment ta' 70 gallun. Ghalhekk il-qorti ma tistax tasal ghal xi konkluzjoni. Fir-rigward tal-kumplament tal-kwota tal-halib irrizulta li:-

- Fl-24 ta' Jannar 2006 Joseph Seychell wieghed li jbiegh lil Joseph u Fiona konjugi Azzopardi kwota ta' 100 gallun bil-prezz ta' Lm110,000 (€256,231).
- Kwota ta' 63 gallun halib u 14-il baqra nbieghu lil Joseph u Aurora konjugi Debrincat ghall-prezz ta' Lm54,600 (€127,184).
- Total ta' €383,415 li minnhom iridu jitnaqqsu Lm3,000 u Lm15,000 (hlas ta' senserija) [€41,929] = **€341,486**.
- Minn dan in-negozju gew depozitati flus fi tlett kontijiet bankarji (BOV 40017033224, 40017033253 u 40015790501) b'total ta' **€331,039**. Kif osserva l-perit gudizzjarju hemm diskrepanza ta' €10,446.63 bejn il-flus depozitati u l-prezz. F'nota prezentata fit-8 ta' Gunju 2012, il-konvenuti qalu li d-diskrepanza hi dovuta ghal fatt li mill-prezz pattwit ma' Azzopardi tnaqqsu Lm7,645.24 filwaqt li fil-kaz ta' Debrincat tnaqqsu Lm2,000. Tnaqqis li qalu li sar bhala likwidazzjoni ta' danni li x-xerrejja qalu li sofrew minhabba li dam biex giex finalizzat il-bejgh. Pero' ma tressqux provi dwar dan. Madankollu gialadarba dak li sar kien bl-intervent tal-avukati rispettivi tal-partijiet, il-qorti hi moralment konvinta li l-atturi jafu x'sar mis-somma ta' €10,446.63 u dak li sar kien bl-approvazzjoni ta' kulhadd. Ghalhekk fir-rigward ta' 163 gallun hemm €165,519.50 tal-wirt ta' Giuseppa Seychell u nofs l-imghax li akkumula matul is-snin fil-kont 40017033224. Ghal dak li jirrigwarda Antonio Seychell irrizulta li f'hajtu dan kien ittrasferixxa l-kwota lil wiehed minn uliedu. M'hemmx prova li thallsu xi flus. Ovvjament jekk kellha ssir xi likwidazzjoni ta' legittima, dawn il-flus iridu jigu nkluzi fil-kalkoli[17].

Il-qorti tosserva wkoll li:-

(a) ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi qalu li kien hemm ukoll dar matrimonjali ta' Antonio u Giuseppa Seychell (paragrafu 10), prova ta' dan ma nghatatx.

(b) ghalkemm fir-rapport tal-perit gudizzjarju ssemmew vettura Peugeot u Ford Transit, dawn m'humiex ser jigu kkunsidrati. Fuq dawn il-vetturi m'hemm l-ebda taghrif. Peress li ghaddew iktar minn ghoxrin sena mill-ftuh ta' successjonijiet, il-qorti tqies li dawn il-vetturi m'ghandhom l-ebda valur. L-istess jinghad dwar l-ghamara li hemm riferenza ghaliha fid-denunzja ta' Antonio Seychell. Fid-denunzja ssemma wkoll kont bankarju b'somma ta' Lm300. Pero' ma tressqux provi dwaru. Ghalhekk dan ukoll m'humiex jigi nkluzi fil-wirt.

[17] Fir-rigward ta' dawk li huma werrieta, is-sitt artikolu tat-testment jipprovdi: "*It-testatur jezenta lil uliedu kollha mill-obbligu li jregghu lura fil-massa ereditarja tieghu dak kollu li l-istess ulied ikunu qatt setghu ircevew minghandu, sew b'titolu ta' dota u kemm bi kwalsiasi titolu iehor*".

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi:-**

1. **Fl-ewwel lok tiddikjara li l-atturi Toni Scicluna, Rosario Busuttil, Charles Tanti u Anthony Cassar m'humiex werrieta ta' Antonio u Giuseppa konjugi Seychell u ghalhekk ma kellhom locus standi.**
2. **Tichad l-ewwel eccezzjoni (fol. 9).**
3. **Tichad it-tieni eccezzjoni (fol. 9).**
4. **Tilqa' t-tielet eccezzjoni (fol. 9) u l-ewwel eccezzjoni (fol. 27) u tiddikjara li r-raba' talba hi intempestiva. Ghalhekk f'dan ir-rigward tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-istess.**
5. **Fir-rigward tal-ewwel u tieni talba tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Antonio u Giuseppa Secyhell kienet tikkonsisti fl-oggetti hawn fuq elenkati[18].**
6. **Tiddikjara li l-wirt ta' Giuseppa Seychell jikkonsisti fl-oggetti elenkati f'dik il-parti tas-sentenza ntestata Giuseppa Seychell u li Vincent, Catherine Scicluna, Angela Busuttil, Joseph u Sapienza Tanti ghandhom kull wiehed sehem ta' parti minn hamsa minn dan il-wirt. F'dan ir-rigward qeghda tassenja lil kull wiehed mill-werrieta ta' Giuseppa Seychell:**

   **(a) €33,103 mill-kont bankarju numru tal-Bank of Valletta plc numru 40017033224 flimkien ma' 1/10 tal-imghax li akkumula matul is-snin fl-istess kont[19];**
   **(b) €8,152.80 kull wiehed kreditu fil-konfront tal-wirt ta' Antonio Seychell[20];**
   **(c) €446 kull wiehed kreditu fil-konfront tal-wirt ta' Antonio Secyhell[21];**
   **(d) €6,848.20 kreditu li kull wiehed mill-werrieta, ovvjament mhux inkluz Joseph Seychell, ghandu fil-konfront ta' Joseph Seychell[22];**

   **Fir-rigward tal-kumplament tal-attiv li hemm fil-wirt ta' Giuseppa Seychell[23], tillimita ruhha biex tiddikjara li kull wiehed mill-werrieta fuq imsemmija qeghdin jinghataw sehem indiviz ta' parti minn ghaxra (1/10) f'kull wiehed mill-kumplament tal-oggetti li hemm fil-wirt ta' Giuseppa Seychell. Qieghed jigi deciz hekk peress li ghar-raguniijet li nghataw f'din is-sentenza l-wirt ta' Antonio Seychell**

[18] Tibqa' mpregudikata l-pretensjoni tal-atturi b'riferenza ghar-razzett fi Triq il-Wied, Zejtun.
[19] Item (iii) ta' dik il-parti tas-sentenza ntestata Giuseppa Seychell.
[20] Item (iii) ta' dik il-parti tas-sentenza ntestata Giuseppa Seychell.
[21] Item (iv) ta' dik il-parti tas-sentenza ntestata Giuseppa Seychell.
[22] Item (v) ta' dik il-parti tas-sentenza ntestata Giuseppa Seychell.
[23] Item (i) u (ii) ta' dik il-parti tas-sentenza ntestata Giuseppa Seychell.

**m'huwiex jinqasam u f'dan il-wirt hemm inkluz nofs indiviz tal-imsemmija oggetti.**

7. **Tiddikjara li l-wirt ta' Antonio Seychell jikkonsisti fl-oggetti elenkati fil-parti ntestata Antonio Seychell. Fir-rigward ta' dan il-wirt m'hijiex f'posizzjoni li tiddikjara xejn iktar gialadarba t-talba ghall-legittima hi ntempestiva u mhux possibbli li l-wirt ta' Antonio Seychell jinqasam biss bejn il-konvenuti gialadarba s-sitwazzjoni ghadha ncerta peress li l-atturi ghadhom ma rrinunzjawx ghal wirt ta' missierhom.**
8. **M'hemmx htiega li jigi ppubblikat kuntratt (hames talba) in vista ta' dak li gie ddikjarat f'paragrafu 6 tal-parti dispozittiva tas-sentenza.**

**L-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghal 60% tal-ispejjez filwaqt li l-konvenuti jaghmlu tajjeb ghal 40%. Il-qorti qeghda tordna hekk minhabba li t-talba relatata mal-legittima mill-wirt ta' Antonio Seychell giet dikjarata li hi ntempestiva.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------